MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 948/2007

**Angelo Zarb.**

**vs.**

**L-Avukat Dr. Mario De Marco ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsiefra Scilla Mansani u b'digriet tas- 7 ta' Dicembru 2007 gew nominati l-kuraturi deputati Dr. Renzo Porsella Flores u l-PL Veronica Rossignaud biex jirrapprezentaw lill-istess; u Xavier Sant.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Angelo Zarb (101574 M) datat 10 ta' Settembru 2007 a fol. 1 tal-process fejn ippremetta:-

Illi permezz ta' citazzjoni pprezentata quddiem din l-Onorabbi Qorti bin-numru citazjoni 163/1990 fl-ismijiet "L-

Avukat Dr. Alfred Grech *nomine* vs Xavier Sant et”, il-konvenuti f’dik il-kawza cioe` l-attur odjern u Xavier Sant gew mitluba jhallsu lill-attur *nomine* (illum konvenut f’din il-kawza), somma li tigi llikwidata *in linea* ta' danni sofferti minn Scilla Mansani.

Illi permezz ta' sentenza preliminari deciza fis-sittax (16) ta' Frar elfejn u wiehed (2001), in atti ta’ dik l-istess kawza din l-Onorabbli Qorti ddikjarat ir-responsabbilita` tal-incident fuq iz-zewg konvenuti u sussegwentement permezz ta' sentenza finali moghtija fit-tmintax (18) ta' Frar, tas-sena elfejn u hamsa (2005) llikwidat somma li ghandha tithallas mill-konvenuti fl-ammont ta’ tlettax-il elf mitejn u sitta u sittin Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm13,266.74) flimkien mal-ispejjez tal-kawza.

Illi l-konvenut l-iehor Xavier Sant appella min dik is-sentenza, liema appell ghadu pendenti izda I-attur odjern Angelo Zarb ma kienx appella min dik is-sentenza u ghaldaqstant dik is-sentenza finali tat-tmintax (18) ta' Frar elfejn u hamsa illum saret *res judicata* fil-konfront tieghu.

Illi l-attur odjern kellu biss hmistax-il sena meta sehh l-incident mertu ta' dik il-kawza u kellu biss sittax-il sena meta saret in-notifika ta' dik il-kawza fil-fatt l-attur twieled fis-dsatax (19) ta' Jannar, elf disa' mija erbgha u sebghin (1974), kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat Dokument “A”.

Illi l-attur odjern qatt ma kien jaf b'dawn il-proceduri u sar jaf bihom biss f’Gunju li ghadda meta rcieva fid-dar t'ommu fejn ilu ma jghix ghal hafna zmien tahrika biex jidher quddiem il-Qorti tal-Appell minghajr anqas ma rcieva mir-rikors tal-appell kif jirrizulta mill-verbal anness Dokument “B”.

Illi f’dak iz-zmien Xavier Sant, il-konvenut l-iehor ad insaputa tal-attur odjern irrisponda l-kawza f’isem l-attur odjern minghajr qatt ma kien awtorizzat jaghmel dan.

Illi jezisti lok ghal ritrattazzjoni ta' din il-kawza a bazi tal-**artikolu 811 (c)** u cioe` li wiehed mill-partijiet (l-esponenti)

f’dik il-kawza ma setax jigi mharrek minhabba l-eta` tieghu kif ukoll *ai termini* tal-**artikolu 811 (l)** meta dik l-Onorabbli Qorti fil-proceduri quddiemha assumiet illi l-attur odjern (konvenut f’dik il-kawza) kien ta' l-eta u responsabbli ta' ghemilu meta fil-fatt l-esponenti kien ghadu minorenni ta' hmistax-il sena fid-data tal-incident.

Illi dan ir-rikors qed isir u qed jigi kkonfermat bil-gurament mill-attur Angelo Zarb li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tirrevoka u tirrexxindi s-sentenzi taghha moghtija fil-gudizzju fl-ismijiet l-Avukat Dr. Alfred Grech vs Xavier Sant et u citaz numru 163/1990 kwantu dawn is-sentenzi jirrigwardaw lill-attur odjern u li fil-konfront tieghu jiffurmaw *res judicata.*

2. Tordna mill-gdid is-smigh tal-istess kawza.

3. F’kaz illi jirrizulta opportun taghti dawk il-provedimenti ohra li fic-cirkustanzi jidrilha xierqa.

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenuti, minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 3 sa fol 12 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-seduta tal-4 ta’ Dicembru 2007.

Rat in-nota tal-Avukat Dr. Mario De Marco datata 20 ta’ Novembru 2007 a fol 18 tal-process li biha rritorna l-atti lilu notifikati lir-Registratur ta’ din l-Onorabbli Qorti u dan peress li hu ma ghandux rapprezentanza guridika tal-imsiefra Scilla Mansani.

Rat ir-rikors ta’ Angelo Zarb datata 14 ta’ Novembru 2007 a fol 25 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tohrog

is-soliti bandi tahtar il-kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-imsiefra Scilla Mansani f'dawn il-proceduri u fil-proceduri kollha ancillari u sussegwenti.

Rat id-digriet datat 7 ta' Dicembru 2007 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-intimata.

Rat ir-risposta mahlufa tal-kuraturi deputati datata 4 ta' Marzu 2008 a fol 29 tal-process fejn esponew:-

(1) Illi huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghal din u l-kawza u hekk kif isehhilhom jaqbdu ma' Scilla Mansani li ghaliha nhatru biex jidhru, huma jigbru t-taghrif mehtieg sabiex it-talbiet ikunu kontestati kif imiss;

(2) Illi fi kwalunkwe kaz jidher li t-tielet talba mhux mehtiega.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol 29 tal-process.

Rat li l-intimat Xavier Sant gie debitament notifikat fl-24 ta' Settembru 2007 bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza (a tergo fol. 4 u f'fol. 5 tal-process) izda ma pprezenta l-ebda risposta guramentata u baqa' kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-20 ta' Mejju 2008 fejn Dr.Leslie Cushieri ghall-attur talab li jigu allegati l-atti tal-kawza ndikata fl-ewwel paragarafu tar-rikors guramentat (Cit 163/90). Il-Qorti laqghet it-talba.

Rat ir-rikors tal-attur datat 22 ta' Gunju 2009 a fol 47 tal-process fejn  talab lill-Qorti joghgobha illi l-Avukat Dr. Stephen Borg Cole jigi mizjud bhala xhud gdid u jersaq biex jixhed ghas-seduta li jmiss, liema talba giet milqugha b'digriet datat 5 ta' Novembru 2009.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru 2009 fejn gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri sabiex fil-mori jisma' x-xhieda ta' Dr. Stephen Borg Cole.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri flimkien max-xhieda quddiemu prodotta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Frar 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Leslie Cuschieri ghall-attur u Dr. Renzo Porsella Flores li nforma lill-Qorti li kien ghamel rikors sabiex jaghmel risposta ulterjuri *in vista* tal-fatt li rrizulta mill-provi li r-rikorrenti f'din il-kawza kien ircieva xi dokument fil-kawza originali. Dr. Cuschieri rrimetta ruhu ghar-rikors f'dan is-sens. Il-Qorti laqghet it-talba b'dan li tali risposta guramentata ulterjuri kellha tigi pprezentata fi zmien ghaxart ijiem (10) minn dan id-digriet b'kopja lid-difensuri tal-kontro-parti. Id-difensuri talbu jaghmlu n-noti tal-osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u tat terminu ta' erbghin (40) gurnata lil kull parti bin-notifiki relattivi skont digriet relattiv. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-17 ta' Gunju 2010.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-kuraturi deputati datata l-1 ta' Marzu 2010 fejn eccepixxa li:-

(1) Illi t-talbiet attrici ma jreggux, billi kif rilevat fis-sentenza tal-Onor. Imhallef Dott. Caruana Demajo tat-18 ta' Frar 2005, ir-rikorrenti attwali (Angelo Zarb) kien notifikat fl-4 ta' Mejju 2004 – a fol. 235 – bin-nota tal-attur *nomine* ta' dak in-nhar – Dr. Alfred Grech noe – li fiha kellu l-kwantifikazzjoni tad-danni sofferti minn Scilla Mansari f'Kemmuna fit-23 ta' Awissu 1989. Din in-notifika saret fid-dar tieghu Ghawdex meta Zarb kellu 30 sena maghluqa, u kien minn dan il-mument li Angelo Zarb kellu jibda jiehu l-passi biex jissalvagwardja l-posizzjoni tieghu, i.e. qabel inqaghet l-ewwel kawza.

(2) Illi fi kwalunkwe kaz, billi r-rikorrenti qed jitlob ritrattazzjoni wara l-ewwel gudikat, dan qatt ma seta' jaghmlu la kellu l-opportunita' jappella mill-ewwel gudikat, u dan kif jipprovdi l-**artikolu 812 tal-Kap. 12,** izda huwa naqas li jaghmel dan.

Rat l-atti kollha tal-kawza fl-ismijiet **"L-Avukat Dr. Alfred Grech et vs Xavier Sant et"** (Citaz. Nru. 163/90/GCD)

deciza fit-18 ta’ Frar 2005 li jidher li gie dikjarat dezert quddiem il-Qorti tal-Appell skont verbal datat 19 ta’ Novembru 2007.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur datata 25 ta’ Marzu 2010.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta’ ritrattazzjoni a bazi tal-**artikoli 811 (b) (c) u (l) tal-Kap 12** ghaliex ir-rikorrenti odjern qed isostni li ma kienx notifikat bl-att tac-citazzjoni attrici fl-atti tal-kawza fl-ismijiet **“L-Avukat Dr. Alfred Grech et vs Xavier Sant et”** (Citaz. Nru. 163/90/GCD), li l-kawza ma setghetx issir kontra tieghu meta saret ghaliex huwa kien ghadu minorenni, u fl-ahharnett ghaliex il-Qorti assumiet li l-konvenut kien ta’ l-eta` u responsabbli ta’ ghemilu meta fil-fatt kien ghadu minorrenni fid-data tal-incident.

Illi mill-atti processwali tal-kawza imsemmija jirrizulta li hemm notifika positiva ta’ l-attur odjern li saret fis-26 ta’ Frar 1990 ( a tergo fol. 2 tal-process) fl-indirizz hemm indikat “Casa Zarb” , Francesco Buhagiar Street, B’Kara, u dan meta jidher u jirrizulta li l-istess attur, (konvenut fil-kawza fuq citata (Citaz. Numru 163/90/GCD) kien ghadu minorreni peress li twieled fid-19 ta’ Jannar 1974 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu Numru 1025/1974 (Dok. “A” – fol. 4 f’din il-kawza), u ghalhekk huwa kien ghadu minorenni skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 157 tal-Kap 16,** u r-rappresentanza tal-istess hija vestita fil-genituri tieghu (**artikolu 135 tal-Kap 16).**

Illi ghalhekk jirrizulta li skont il-ligi f'dak iz-zmien, la darba l-attur odjern kien ghadu minorreni, kellhom jitharrku u jigi notifikati l-genituri tieghu, haga li jirrizulta li ma saritx, u allura din il-Qorti thoss li abbazi ta' dak li hemm fl-**artikolu 780 tal-Kap 12,** meta gie notifikat l-attur odjern, dan sar b'mod zbaljat peress li l-attur bhala minuri kien f'dak iz-zmien persuna li mhux kapaci toqghod f'gudizzju hlief fil-persuna tal-genituri tieghu li jkunu qed jezercitaw is-setgha taghhom bhala rapprezentanti tal-istess kif jipprovdi l-**artikolu 781 tal-Kap 12.** Dan jinsab ikkonfermat minn dak li qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza **"Marianna Sciberras vs Maria Rosa Tabone"** (A.C. – 15 ta' Gunju 2005) u dik moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **"MaryGrace Farrugia vs Stephen Farrugia"** (A.I.C. (PS) – 12 ta' Novembru 2003) citati wkoll mill-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu.

Illi f'dan il-kuntest japplikaw id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (b) tal-Kap 12,** li jipprovdi li hemm lok ta' ritrattazzjoni, jekk xi wahda mill-partijiet ma tkunx persuna legittima, kemm il-darba ma tkunx moghtija u deciza l-eccezzjoni ta' illegittimita'. Dan japplika biss sal-punt li l-kawza kienet giet istitwita kontra l-attur, li kien ghadu minorenni, u gie notifikat meta kien ghadu minorenni, u allura ma kienx f'dak iz-zmien il-persuna li kellha tigi istitwita kontra taghha il-kawza bil-mod kif sar, izda kellhom dak iz-zmien jitharrku l-genituri tieghu in rapprezentanza tal-istess, u jigu notifikati huma fil-kwalita' taghhom premessa; sa hawn it-talba tar-ritrattandi skont dan l-**artikolu 811 (c)** tidher fondata izda jirrizulta li tali azzjoni odjerna fuq din il-bazi ma tistax tigi milqugha ghaliex l-azzjoni ma saritx fit-terminu ta' tlett xhud li jibda jghaddi f'dan il-kaz minn dak in-nhar tas-sentenza attakkata (**artikolu 818 (1) (d)** u la darba s-sentenzi attakati huma dawk tas-16 ta' Frar 2001 (fol. 6) u 18 ta' Frar 2005 (fol. 10). Ghalhekk ir-ritrazzjoni fuq din il-bazi ma tistax tigi akkolta.

Illi l-attur qed jiccita wkoll bazi ta' ritrattazzjoni ohra skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (b) tal-Kap. 12** u dan peress li qed jallega li la darba c-citazzjoni giet hekk

notifikata lilu meta kien minorenni, tali notifika hija nulla u bla effett, u ghalhekk japplikaw ghall-istess id-disposizzjonijiet tal-imsemmi **artikolu 811 (b)** bbazati fuq nuqqas ta’ notifika tal-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza; jirrizulta fil-fatt li meta l-istess rikorrenti odjern sar maggorenni, huwa seta` jigi notifikat bl-azzjoni maghmula kontra tieghu, izda tali notifika baqghet ma saritx u ghalhekk hemm bazi ta’ ritrattazzjoni anke skont l-**artikolu 811 (b) tal-Kap. 12.**

Illi jinghad f’dan il-kuntest li mill-atti processwali tal-kawza Citaz. Nru. 90 jirrizulta li minkejja dan kollu giet ipprezentata nota ta’ eccezzjonijiet ghan-nom tal-istess attur ukoll, indikata bhala nota tal-eccezzjoni tal-konvenuti (f’dik il-kawza) datata 7 ta’ Marzu 1990, u din n-nota ta’ eccezzjonijiet giet iffirmata mill-Avukat Dr. Seigfried Borg Cole ghan-nom tal-istess konvenuti, dan meta jirrizulta li l-attur odjern ma kienx jaf bil-kawza, u wisq anqas inkariga lill-istess avukat biex jidher ghalih. Fil-fatt fix-xhieda tal-attur odjern fl-affidavit tieghu Dok. “AZ1” huwa jghid lanqas biss kien jaf lill-istess avukat, u l-istess avukat jghid li ghalkemm huwa pprezenta u ffirma l-istess nota ta’ eccezzjonijiet, huwa qatt ma kellem lill-genituri tal-attur jew lill-attur odjern. Ghalhekk certament li tali nota ta’ eccezzjonijiet ipprezentata ghan-nom tal-attur odjern saret erronjament, u dan huwa nuqqas mhux negligibbli tal-avukat in kwistjoni, li jidher li ffirma u pprezenta difiza ghall-persuna, li kienet dak iz-zmien minorreni, u lanqas giet inkarigata minnu jew ahjar mill-genituri tieghu sabiex huwa jippatrocina. Din in-nota ta’ eccezzjonijiet serviet ukoll sabiex giet svijata l-Qorti dwar in-notifika tal-attur odjern f’dik il-kawza. Dwar dan il-Qorti tirriserva li jekk ikun il-kaz tiehu passi jew provedementi opportuni, izda rigwardanti dan il-kaz xorta wahda t-talbiet attrici jissussistu in kwantu bbazati fuq l-imsemmi **artikolu 811 (b) tal-Kap. 12**.

Illi kwantu ghas-sottomissjoni li l-attur kien gie notifikat b’xi dokumenti fil-kawza f’Mejju 2004 (fol. 325) dan ma jbiddel xejn mis-sitwazzjoni ta’ nuqqas ta’ notifika, u dan peress li dak li l-atttur odjern, konvenut f’dik il-kawza, kellu jigi

notifikat bih kien bic-citazzjoni attrici jew *tramite* l-genituri tieghu meta kien ghadu minorenni, jew personalment meta sar maggorenni, haga li baqghet ma saritx. In-notifika li saret bl-appuntament tas-smigh tal-appell lanqas tista' issalva s-sitwazzjoni.

Illi f'dan l-ahhar kaz ir-ritrattandi seta` jaghmel tali talba ghar-ritrattazzjoni biss mill-gurnata li fih huwa sar jaf bis-sentenza skont kif jipprovdi l-**artikolu 818 (1) (b) tal-Kap. 12** u dan jidher li sehh meta huwa gie notifikat bir-rikors tal-appell fis-27 ta' Settembru 2009 ( a tergo ta' fol. 15 tal-process tal-appell) u anke a bazi ta' dak li gie ritenut fis-sentenza **"Said International Limited vs MAC Limited et"** (A.I.C. (PS) – 7 ta' Lulju 2003) jirrizulta li l-konvenuti odjerni bl-ebda mod ma ppruvaw li l-attur odjern ghamel din il-kawza wara t-terminu ta' tlett xhur minn meta sar jaf bis-sentenza li biha huwa gie kkundannat. Jigi rilevat li jirrizulta li l-attur odjern gie notifikat bl-avviz tal-appell biss fil-25 ta' Gunju 2007 u fil-fatt deher ghas-seduta tal-appell tad-9 ta' Lulju 2007, izda b'dan ma jfissirx li fid-data tan-notifika tal-avviz huwa kien jaf bis-sentenza li kienet inghatat kontra tieghu. Izda dan kollu huwa wkoll akkademiku ghaliex la darba l-azzjoni odjerna saret fl-10 ta' Settembru 2007, mela tenut kont tal-ahhar zewg dati jsegwi li l-azzjoni saret fit-terminu indikat fl-**artikolu 818 (1) (b) tal-Kap. 12.** Illi ghalhekk fuq din il-bazi hemm lok li jigu milqugha t-talbiet attrici biss fis-sens li din il-Qorti qed tordna li fil-konfront tal-attur odjern Angelo Zarb, tirrevoka u tirrexxindi s-sentenzi citati fil-kawza Citaz. Nru. 163/90 decizi fis-16 ta' Frar 2001 u 18 ta' Frar 2005 rispettivament, u tordna s-smigh mill-gdid tal-istess kawza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-intimat Xavier Sant u filwaqt li **tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati**, nkluzi dawk migjuba fir-risposta ulterjuri taghhom, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn premess** b'dan illi:-

1. Tirrevoka u tirrexxindi s-sentenzi taghha moghtija fil-gudizzju fl-ismijiet l-Avukat Dr. Alfred Grech vs Xavier Sant et citazzjoni numru 163/1990 kwantu dawn is-sentenzi jirrigwardaw lill-attur odjern u li fil-konfront tieghu jiffurmaw *res judicata*.

2. Tordna mill-gdid is-smigh tal-istess kawza fil-konfront tal-istess attur.

3. Tordna f'dan l-istadju l-prosegwiment tal-kawza mill-gdid fil-konfront tal-istess attur odjern Angelo Zarb, b'dan li fl-ewwel lok issir in-notifika tal-istess bic-citazzjoni Numru 163/1990 u jingiebu l-provi kollha relattivi u ghal dan l-iskop il-kawza l-Avukat Dr. Alfred Grech vs Xavier Sant et giet differita sabiex tinstema mill-gdid ghat-30 ta' Gunju 2010.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------